# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**
**vs**
**Josephine Cuschieri**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputata Josephine Cuschieri bint Nazzareno Agius u Rita nee Camilleri, residenti Ħaż-Żebbuġ u li għandha l-karta tal-identita bin-numri 295852M u li permezz tagħha ġiet imħarka talli fid-19 ta' Marzu 2014 għall-ħabta tad-21:30 fi Triq Andrea Bogdon, Ħaż-Żebbuġ insulentat u heddet lil Alfred Cuschieri, li kisret il-bonordni u l-paċi publika b'għajjat u storbju u li eżerċitat jedd li ppretendiet li kellha meta sakkret bieb u b'hekk ċaħdet l-aċċess lil żewġha.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Il-fatti fil-qosor : -</u>***

Li mix-xiehda ta' Alfred Cuschieri jirriżulta li dakinhar tad-19 ta' Marzu 2014 l-imputata sa minn filgħodu kienet bdiet b'argumenti, ġlied u theddid li kienet ser issakru barra mid-dar kif ukoll li kienet ser tieħu l-"pirmli" biex torqod u ma tisimgħux. Dan il-kliem ħassu minaċċjuż u dejqu. Hu jgħid li ma jistax jgħix f'dik il-ħajja. Hu ħareġ mid-dar u xi d-21:30 reġgħa lura d-dar u sab li l-bieb tal-aluminium kien miftuħ iżda l-bieb l-ieħor tal-injam, meta prova jiftħu dan kien magħluq b'mod li meta pprova jiftħu biċ-ċavetta tiegħu ma rnexxielux jiftħu. Beda jipprova jiftħu u jsejjaħ lil martu biex tiftaħ billi beda jdoqq il-qampiena iżda għalxejn għax din ma bdietx iddoqq. Minn hemm mar l-għassa tal-Pulizija jagħmel rapport. Marru miegħu il-Pulizija lura lejn daru u kif waslu hemm sabuha tgħajjat. Il-bieb dak il-ħin setgħa jinfetaħ. Kif daħal ġewwa innota li wara l-bieb kien hemm diversi biċċiet tal-injam li huwa tenna li kienet ibblokkat il-bieb tal-injam bihom. Eżebixxa wkoll ritratt dok AC1, ritratt meħud minnu. L-imputat baqgħet tillitika miegħu anke wara li laħqu waslu l-pulizija. Meta daħal ġewwa mal-Pulizija tela fis-sular ta' fuq u sab ħafna taqlib f'kamra tas-sodda. Martu bdiet tgħajjat u twerżaq. Dakinhar qaltlu diversi kliem, pero ma setgħax jiftakar x'kienu. Qabel pero kienet qaltlu diversi kliem bħal li kienet ser tkissirlu l-karozza, li ser toqtlu, li ser titfalu l-aċtu f'wiċċu u kliem simili. Ikkonkluda li ma jistgħux jgħixu flimkien b'dan il-mod.

In kontro-eżami tenna li s-separazzjoni kienet ilha li bdiet xi ftit xhur u ma jidhirlux li dakinhar tal-inċidenti s-separazzjoni kienet effettivament bdiet. Il-battibekki kontinwi ilhom imorru lura żgur minn Marzu ta' din is-sena. Pero l-problemi u l-ġlied bejniethom ilhom ferm aktar. Bosta drabi l-argumenti jqumu minħabba l-finanzi. Il-parte civile kellu l-assi tagħhom kollha fuq ismu u ma kienx hemm ħafna assi fuq isem l-imputata martu. L-argumenti prinċipali kienu jqumu għaliex martu riedet tkun taf x'assi kellhom u x'karti kellhom jattestaw lil dawn l-assi.

Il-Qorti rat ukoll l-affidavit ta' PS362 W. Borg li saħħaħ f'diversi aspetti l-verżjoni rakkuntata mill-parte civile Alfred Cuschieri.

***Il-motivazzjonijiet tas-sentenza***

Mill-provi prodotti din il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-ewwel imputazzjoni hija pruvata. Din l-imputazzjoni tirrifletti l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali u l-Qorti tqis li l-kliem u l-aġir tal-imputata sa minn filgħodu lil żewġha kien jikkostitwixxi forma ta' theddid fil-forma kontravvenzjonali. Fil-fatt dan il-kliem ħassu minaċċjuż u dejqu. Biss il-kliem allegatament inġurjuż ma ġiex mistqarr, u anke l-uffiċjal tal-Pulizija jgħid li semgħa lill-imputata tirrivolġi kliem ta' tgħajjir lejn Alfred Cuschieri – u dan minbarra l-għajjat dirett lejh – iżda ma ġiex speċifikat dakinhar xi kliem intqal. Biss dan l-Artikolu jippreskrivi alternattivita bejn inġurji u theddid. F'dan il-każ il-Qorti fuq il-provi prodotti konvinta li kien hemm l-element minaċċjuż għalkemm ma ġiex soddisfaċentement pruvat dak inġurjuż.

Mill-provi miġjuba quddiemha din il-Qorti ma tistax issib lill-imputata ħatja tat-tieni imputazzjoni stante li l-estremi meħtieġa sabiex jiġi integrat dan ir-reat ma ġewx pruvati sal-grad rikjest mill-Liġi. Dan peress li dak li l-Pulizija u l-imputat ikkostataw kien għajjat u xeni magħmula mill-imputata u skont ġurisprudenza illum assodata s-sempliċi għajjat u xeni waħedhom mhux neċessarjament biżżejjed biex iwasslu għall-eżistenza tar-reat kriminali de quo.

Kwantu għat-tielet imputazzjoni din il-Qorti tqis li din ġiet soddisfaċentement ippruvata. Mill-provi prodotti jirriżulta li l-imputata kienet ilha sa minn kmieni fil-għodu thedded lil żewġha, inter alia, li kienet sejra taqflu barra mid-dar. Mhux talli din it-theddida stqarritha talli fil-fatt żammet kelmitha u wetqitha. Ma ġiex kontestat li l-fond in kwistjoni huwa l-fond matrimonjali. Il-fatt li l-imputata, unilateralment, mingħajr l-intervent tal-awtorita ġudizzjarja kompetenti għażlet li tostakola u timpedixxi l-aċċess ħieles ta' żewġha lejn l-istess fond matrimonjali isawwar il-konvinzjoni f'din il-Qorti li r-reat kontestat ġie integrat. Dan ukoll wara li din il-Qorti żammet quddiem għajnejha dak mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża "Il-Pulizija vs Lawrence Camenzuli"[1] fejn ġie deċiż illi :-

> Ir-reat ta' *ragion fattasi* huwa meqjus bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra. Ghalhekk anke fil-kaz ta' ko-pussessuri (bhalma jista' jkunu r-ragel u l-mara) dak hi hu mehtieg hu li huma "jaghmlu, kull wiehed minnhom, uzu ragonevoli mill-oggett b'mod li ma jkunx jista'

[1] Deċiża nhar is-17 ta' Settembru 2004

jinghad li wiehed qed jippriva lill-iehor mit-tgawdija ragonevoli ta' dak l-oggett" (Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Georgina Gauci,** 7 ta' Jannar 1998, Vol. LXXXII.iv.76). Ghalhekk l-att li bih ko- pussessur ibiddel is-serratura ta' dar biex b'hekk jjippreklud lill-ko-pussessur l-iehor milli jkollha access ghad-dar, huwa bla dubju ta' xejn att ta' *ragion fattasi*.

F'dan il-każ għalkemm ma jirriżultax li s-serratura tal-bieb ġiet mibdula, il-manuvra li permezz tagħha l-aċċess għall-parte civile ġie mċaħħad huwa billi saret forma t'ostaklu biex il-bieb ta' barra ma jkunx jista jinfetah minnu permezz ta' biċċiet tal-injam li servew biex il-bieb jiġi ostakolat. Din l-azzjoni tal-imputata waslet sabiex it-tgawdija raġonevoli tal-fond matrimonjali ta' Alfred Cuscheri ġiet, għalkemm għat żmien qasir, imfixkla lilu. Dik il-Qorti ċċitat ukoll is-sentenza tal-istess Qorti "Il-Pulizija vs Raymond Pace"[2] fejn ġie deċiż illi : -

Fil-fehma tal- Qorti, meta l-konjugi jistabilixxu d-dar matrimonjali skond l-Artikolu 3A tal-Kodici Civili, huma jkollhom dritt ta' tgawdija ugwali ta' l-imsemmija dar; huma ghandhom jitqiesu bhala 'ko-pussessuri' tad-dar matrimonjali indipendentement minn jekk id-dar tkunx tappartjeni, cioe` bhala proprjeta`, kollha kemm hi jew sehem minnha lil parti wahda mill-mizzewgin (ara s-subartikolu (2) tal-Artikolu 3A imsemmi). Bhala ko-pussessuri, kull wiehed mill-konjugi ghandu dritt jaghmel uzu ragjonevoli mid-dar b'mod li ma jipprivax lill-parti l-ohra mit-tgawdija ragjonevoli tal-istess dar (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Jannar, 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Georgina Gauci** li ghaliha ghamlu referenza kemm l-appellant kif ukoll l-Avukat Generali).

Fil-fehma tal-Qorti bl-għażla tagħha l-imputata marret kontra l-liġi u anke jekk l-ostaklu kreat minnha kien wieħed temporanju u faċilment rimwovibbli, xorta rriżulta li ostakolat/ipprivat temporanjament l-użu raġjonevoli tad-dar konjugali lil żewġha Alfred Cuschieri għaliex kien ġie bl-azzjoni tagħha prekluż li jaċċedi għall-istess fond.

***Id-Deċide : -***

Għaldaqstant din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 85(1), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali qegħdha ssib lil Josephine Cuschieri, mhux ħatja tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberaha minn kull ħtija u piena; filwaqt li ssibha ħatja tal-ewwel imputazzjoni u wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali minflok il-piena applikabbli għal dan ir-reat sabiex tipprovdi għas-sigurta' t'Alfred Cuschieri u tassigura li fil-ġejjieni ma jiġix miksur il-bonordni u l-kwiet tal-pubbliku torbot lill-ħatja b'obbligazzjoni tagħha nnifisha fl-ammont t'elf euro (€1000) għal perjodu ta' sitt (6) xhur millum filwaqt li fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, peress li fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-Qorti tqis li hemm lok li jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat l-istess Artikolu qegħdha ssib lil Josephine Cuschieri ħatja wkoll tat-tielet imputazzjoni u wara d-debita twissija tilliberaha minnha bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur millum.

***Moghtija illum l-10 t'Ottubru 2014 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.***
***Il-Maġistrat Aaron M. Bugeja.***

[2] deċiża nhar l-1 ta' Diċembru 2000